**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLIX**
**Appell Nru: 271/2000**

**Il-Pulizija (Spetturi Neil Harrison, u Neville Aquilina)**

**Vs**

**GRAZIO CALLEJA**

**Illum, 16 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Grazio Calleja talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta'Marzu, 1997, u fl-ahhar sentejn qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;
2. Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (b) tal-Kap. 101 ;
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u

dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;

4. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 ;
5. Ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Awla 6) fil-15 ta' Ottubru, 1996.

Rat is-sentenza mogthija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 30 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Grazio Calleja hati ta' dawn l-akkuzi kollha, u kkundannatu ghall-prigunerija ta'hames (5) snin, bit-tnaqqis ta'kull zmien li hu kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll ghall-Multa ta' Lm1,000. Dik il-Qorti ordnat ukoll illi s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta'Ottubru, 1996, fil-konfront ta' Grazio Calleja ghandha tibda ssehh minnufih, kif ukoll ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta'Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u kkundannatu wkoll sabiex ihallas l-ispejjes peritali kollha inkorsi f'dawn il-proceduri fi zmien xahar minn meta jigi mitlub mir-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors t'appell ta'Grazio Calleja datat 12 ta'Dicembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta'prigunerija ghall-hames snin u, minflok, timponi piena ta'prigunerija ta'zmien iqsar li jidrilha gust u ekwu ghac-cirkostanzi tal-kaz, (**b**) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn ordnat li s-sentenza sospiza tal-15 ta'Ottubru, 1996, tibda ssehh u, minflok, tordna li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza msemmija jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza definittiva f'dawn il-proceduri, u (**c**) tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitat ghal dak li jikkoncerna l-piena biss li kienet giet mposta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant. Hu mhux qed jikkontesta bl-ebda mod is-sejbien ta'htija, anzi qed jitlob li din il-parti tas-sentenza appellata tigi konfermata.

Skond l-appellant, l-ewwel aggravju tieghu dwar il-piena hu li, fil-fehma tieghu, il-piena nflitta fuqu mill-imsemmija Qorti hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz. Fost dawn ic-cirkostanzi l-appellant isemmi li hu kien ammetta l-akkuzi dedotti kontrih fl-ewwel opportunita' li setgha jaghmel hekk, u li r-reati li taghhom gie misjub hati sehhew ftit qabel ma gew in vigore l-emendi fil-Kap.101 fil-1996 meta zdiedu l-pieni.

It-tieni aggravju, dejjem rigwardanti l-piena, jirreferi ghall-ordni ta' l-ewwel Qorti li s-sentenza sospiza tal-15 ta'Ottubru, 1996, tigi reza operattiva. Fil-fehma ta' l-appellant, tenut kont tac-cirkostanza ta' l-ammissjoni tieghu inkondizzjonata, kien ikun aktar xieraq li kieku l-ewwel Qorti, minflok ma ordnat li dik is-sentenza tigi operattiva, ordnat illi l-perijodu operattiv ta'dik is-sentenza jerga' jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza li qed tigi appellata, ai termini ta' l-Artikolu 28 B (2) (a)(b) tal-Kap. 9. L-appellant, tramite l-avukat difensur tieghu, issottometta li tali ordni ta' tigdid tal-perijodu operattiv kien ikun aktar jghamel sens u adegwat ghaliex b'hekk l-appellant kien ikollu zmien ta'erba snin ohra taht kontroll veru w effettiv.

Peress li dawn iz-zewg aggravji huma f'certu sens konnessi ma'xulxin ghaliex jittrattaw fuq il-piena, il-Qorti sejra tikkunsidrahom f'daqqa.

Mal-ewwel tghid li ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant li hawnhekk kellu jkun hemm xi tnaqqis fil-piena. L-ewwel nett ghandu jigi rilevat li mhux minnu li f'dawn il-proceduri kien hemm xi ammissjoni tant bikrija li allura seghet timmilita dwar xi tnaqqis fil-piena. Dawn il-proceduri bdew fit-2 ta'Marzu, 1998, u l-appellant, allura imputut, wara li kien originarjament wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, iddecieda li jammetti l-akkuzi, bl-eccezzjoni ta' l-akkuza taht il-paragrafu indikata bl-itta (e), fit-22 ta'Gunju, 2000, cioe' aktar minn sentejn wara li kienu gja' bdew dawn il-proceduri. Barra minn hekk, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta'Gunju, 2000, l-ammissjoni tieghu ma kienetx ghall-akkuzi kollha peress li baqa' jghid li ma kienx hati ta' wahda minnhom, dik li kkometta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza tal-15 ta'Ottubru, 1996.

Ghalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni ghal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bhal ma dejjem inghad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iggib maghha tnaqqis fil-piena. Kull kaz ghandu il-fattispecie tieghu w jekk tinghatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proceduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Fil-kaz prezenti, apparti li hawn ma kienx hemm xi ammissjoni bikrija, ghaliex l-appellant ammetta l-akkuzi kollha, bl-eccezzjoni ta' wahda, aktar minn sentejn wara li kienu bdew il-proceduri kontrih, l-ewwel Qorti meta giet sabiex tara x'piena setghet tinfliggi fuq l-appellant certament hadet in kunsiderazzjoni hafna fatturi, u dan kif ampjament jidher fil-korp tas-sentenza appellata, partikolarment il-fedina penali ta' l-istess appellant, u t-tendenza tieghu li jikkommetti reati konnessi ma' l-abbuz tad-droga.

Din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-piena. Hi taqbel pjenament ma' kull osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena. Taqbel li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda ferm proporzjonata ghar-reati kommessi mill-appellant, tenut kont ukoll li dawn gew kommessi kemm fil-1997 u fis-sentejn ta'qabel.

Ghal dak li jirrigwarda l-ordni ta' l-ewwel Qorti li s-sentenza sospiza datata 15 ta'Ottubru, 1996, tigi fis-sehh, anke hawnhekk din il-Qorti mhiex sejra

tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta giet biex tiddeciedi li ghandha tghati tali ordni. Sabiex jigi applikat l-Artikolu 28 B (2)(a)(b) tal-Kap. 9 u jigi estiz il-perijodu operattiv, il-ligi trid li biex il-Qorti testendi dan iz-zmien hi trid tkun f'sitwazzjoni li thoss li ma tkunx haga gusta li tghamel l-ordni li s-sentenza sospiza tibda ssehh. L-ewwel Qorti ma jidherx li kienet f'din is-sitwazzjoni u ghalhekk dehrilha li, tenut kont tal-fatti w cirkostanzi kollha tal-kaz, kellha tghati din l-ordni biex is-sentenza sospiza tal-15 ta'Ottubru, 1996, tibda ssehh. Anke hawnhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti, apparti l-fatt li l-appellant ma spjegax ghaliex hija haga mhux gusta li tinghata tali ordni. Dan ir-rekwizit imsemmi fl-Artikolu 28 B (2)(a)(b) tal-Kap. 9, li jaghti l-fakolta' lill-Qorti biex testendi z-zmien operattiv, ma giex sodisfatt fil-kaz prezenti u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex dan l-Artikolu ghandu jigi applikat. Mhux bizzejjed li l-appellant jghid li jekk iz-zmien operattiv jigi estiz b'erba snin ohra, allura, dan ikun ta' vera kontroll effettiv fuqu. Il-Qorti mhiex sodisfatta minn din id-dikjarazzjoni ta' l-appellant. Il-fedina penali w passat tieghu juru li minkejja li gja' kellu sentenza sospiza fuqu, dik tal-15 ta'Ottubru, 1996, din ma serviet ta' ebda kontroll effettiv fuqu tant li wettaq ir-reati addebitati lilu f'dawn il-proceduri propju ftit ta' zmien wara li inghata din l-opportuntia' biex jirriforma ruhu. Kif tista', ghalhekk, il-Qorti tghati affidament lill-appellant f'dan li qed jghid u jitlob fit-tieni aggravju tieghu meta l-fatti juru bic-car li hu fl-ewwel lok gja' ma gharafx joqghod ghal din l-imsemmija ordni ta' sentenza sospiza ??

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, filwaqt li l-aggravji ta' l-appellant huma respinti, l-appell tieghu qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur